32006R0928

L 170/14 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 23.6.2006

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 928/2006

## tat-22 ta' Ġunju 2006

## li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/2000 fir-rigward ta' ċerti kwoti tariffarji Komunitarji ġodda mifthiema fi ħdan il-GATT

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti tat-tariffi [tal-kwoti tariffarji] tal-Komunitá marbutin fil-GATT u ċerti kwoti ta' tariffi Komunitarji oħra u li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-aġġustament tal-kwoti, u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1808/95[1], speċjalment l-Artikolu 9(1)(b) tiegħu,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni Nru 2006/33/KE tal-20 ta' Marzu 2006, il-Kunsill approva l-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 dwar il-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja matul l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea[2]

(2) Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika jipprovdi għal tariffi ta' kwoti annwali ġodda għal ċerti oġġetti.

(3) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/200 fetaħ u pprovda għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tariffarji Komunitarji miftiehma fi ħdan il-GATT imfasslin biex jintużaw skont l-ordni kronoloġiku tad-dati tad-dikjarazzjonijiet tad-dwana.

---

[1] ĠU L 5, 8 1 2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2158/2005 (ĠU L 342, 24.12.2005, p. 61).

[2] ĠU L 124, 11.5.2006, p. 13.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 32/2000 jeħtieġ li jiġi emendat sabiex jiġu implimentati ċerti kwoti tariffarji annwali ġodda li għalihom ikun sar provvediment fil-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri.

(5) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 711/2006 tal-20 ta' Marzu 2006[3] dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika bis-saħħa tal-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 dwar il-modifika ta' konċessjonijiet fl-iskedi tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja matul l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea, li jemenda u jissupplimenta l-Anness I għar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffi u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni, jipprovdi għall-applikazzjoni tal-kwoti tariffarji ġodda sitt ġimgħat mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għalhekk dan ir-Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni għandu japplika mill-istess data.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 32/2000 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu jidħol fis-seħħ b'effett mit-22 ta' Ġunju 2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Ġunju 2006.

*Għall-Kummissjoni*
*László KOVÁCS*
*Membru tal-Kummissjoni*

[3] ĠU L 124, 11.5.2006, p. 1.

## ANNESS

Ir-ringieli li ġejjin jiddaħħlu fit-tabella fl-Anness I:

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09.0084 | 1702 50 00 | | Fruttożju kimikament pur | Mill-1.1 sal-31.12 | 1 253 tunn ellata | 20 |
| 09.0085 | 1806 | | Ċikkulata u preparati ta' ikel oħrajn li fihom il-kawkaw | Mill-1.1 sal-31.12 | 107 tunnel lata | 43 |
| 09.0086 | 1902 11 00<br>1902 19<br>1902 20 91<br>1902 20 99<br>1902 30<br>1902 40 | | Għaġin, kemm jekk imsajjar kemm jekk mimli jew kemm jekk ippreparat mod ieħor u kemm jekk le, eskluż l-għaġin mimli li jaqa' taħt is-subintestaturi 1902 20 10 u 1902 20 30; kuskus, kemm jekk ippreparat u kemm jekk le | Mill-1.1 sal-31.12 | 532 tunnel lata | 11 |
| 09.0087 | 1901 90 99<br>1904 30 00<br>1904 90 80<br>1905 90 20 | | Preparazzjoniet tal-ikel biċ-ċereali | Mill-1.1 sal-31.12 | 191 tunnel lata | 33 |
| 09.0088 | 2106 90 98 | | Preparati tal-ikel oħra mhux speċifikati jew inklużi band'oħra | Mill-1.1 sal-31.12 | 921 tunnel lata | 18 |